

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14033/23

STATIS 63  
ECOFIN 1013  
UEM 294

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur  |
| data meta waslet: | 10 ta' Ottubru 2023  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 561 final  |
| Suġġett:          | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 561 final.

Mehmuż: COM(2023) 561 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.10.2023  
COM(2023) 561 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz  
tar-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta'  
Diċembru 2006 li jstabilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi  
tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif  
ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika**

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006<sup>1</sup> stabbilixxa r-Reviżjoni 2 tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE). Din il-biċċa leġislazzjoni tiżgura li l-klassifikazzjonijiet Ewropej ikunu rilevanti għar-realtà ekonomika u ttejjeb il-komparabbiltà tal-klassifikazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. Għalhekk, ittejjeb il-komparabbiltà tal-istatistika nazzjonali, Ewropea u internazzjonali.

L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006<sup>2</sup> jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 6a tar-Regolament, atti delegati li jemendaw l-Anness I tar-Regolament biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi jew ekonomiċi, jew biex is-NACE tiġi allinjata ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħra.

Skont it-termini tal-Artikolu 6a(2), is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin, li jibda mis-26 ta' Lulju 2019. Is-setgħat delegati se jiġu estiżi b'mod taċitu għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel tmiem kull perjodu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Dan ir-rapport jissodisfa dak l-obbligu.

## 2. EŻERĊIZZJU MILL-KUMMISSJONI TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (KE) NRU 1893/2006

Wara l-adozzjoni tar-Reviżjoni 5 tal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi Kollha ("ISIC Rev. 5") mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, il-klassifikazzjoni NACE kellha tiġi adattata biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards ta' klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137<sup>3</sup> biex tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u biex tallinja n-NACE ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħra,

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L393, 30.12.2006, p. 1).

<sup>2</sup> Kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241).

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5).

b'mod partikolari l-ISIC Rev. 5. L-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament jipposponi l-applikazzjoni tiegħu għal għadd ta' trażmissjonijiet lill-Kummissjoni (Eurostat). Minn dak iż-żmien 'l hawn irriżulta li għal introduzzjoni ottimali tan-NACE, jaf ikun hemm bżonn posponiment tad-data tal-applikazzjoni għal xi trażmissjonijiet addizzjonali tad-*data*.

Klassifikazzjoni NACE aġġornata hi vitali għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex timmodernizza l-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni. Din il-klassifikazzjoni aġġornata mistennija tikkontribwixxi, b'*data* aktar komparabbli u rilevanti, għal governanza ekonomika aħjar kemm fil-livell tal-Unjoni u anki fil-livelli nazzjonali.

### **3. KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni kienet eżerċitat is-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lilha mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006. Il-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ li jibqa' jkollha s-setgħat delegati skont ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, peress li fil-futur jeħtieġ tadotta atti delegati fil-ħin meħtieġ biex taġġorna regolament il-klassifikazzjoni tas-NACE. Billi tista' taġġorna l-klassifikazzjoni tas-NACE permezz ta' att delegat, il-Kummissjoni tista' tappoġġa s-Sistema Statistika Ewropea billi ttiprovdi klassifikazzjoni li tippermetti l-kisba ta' statistika akkurata: (i) ta' kwalità għolja; (ii) li tkun tirrifletti l-istruttura tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea; u (iii) konsistenti ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħra.

Barra minn hekk, fil-futur jaf ikun hemm bżonn ukoll li permezz ta' att delegat jiġu adattati d-dati tal-applikazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.